32005R0092

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 92/2005

tad-19 ta' Jannar 2005

li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mezzi ta' rimi jew użi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u li jemenda l-Anness VI tiegħu dwar it-trasformazzjoni tal-bijogass u l-ipproċessar tax-xaħmijiet li jirriżultaw

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jikkonċernaw il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li mhumiex intenzjonati għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(e), l-Artikolu 5(2)(g), l-Artikolu 6(2)(i) u l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistipula regoli li jikkonċernaw il-mezzi ta' rimi u użi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali. Hu jistipula wkoll il-possibilità għal mezzi addizzjonali ta' rimi u użi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu approvati wara konsultazzjoni tal-kumitat xjentifiku relevanti.

(2) L-I*steering Committee* Xjentifiku (SSC) ippubblika opinjoni nhar l-10 u l-11 ta' April 2003 fuq sitt metodi alternattivi ta' proċessar għat-trattament u r-rimi bla periklu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali. Skond dik l-opinjoni ħames proċessi mhumiex ikkunsidrati bħala perikolużi għar-rimi u/jew użi ta' materjal ta' Kategoriji 2 u 3 taħt ċerti kondizzjonijiet.

(3) L-SSC ippubblika opinjoni u rapport finali nhar l-10 u l-11 ta' April 2003 fuq it-trattament ta' skart mill-annimali permezz ta' temperatura għolja u idrolisi alkalina bi pressjoni għolja, waqt li pprovda gwida dwar il-possibiltajiet li tintuża idrolisi alkalina u dwar ir-riskji tagħha għar-rimi ta' materjal ta' Kategoriji 1, 2 u 3.

(4) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ippubblikat opinjoni nhar is-26 u s-27 ta' Novembru 2003 dwar il-proċess ta' Idrolisi bil-Bijogass bi Pressjoni Għolja (HPHB) waqt li pprovdiet gwida dwar il-possibiltajiet li jintuża dan il-proċess u dwar ir-riskji tiegħu għar-rimi ta' materjal ta' Kategorija 1.

(5) Ħames proċessi jistgħu, għalhekk, jiġu approvati bħala mezzi alternattivi għar-rimi u/jew użi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali skond l-opinjonijiet tal-SSC, flimkien ma' dawk il-metodi ta' proċessar li diġà huma stipulati bir-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Huwa wkoll xieraq li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet għall-użu ta' dawk il-proċessi.

(6) Il-Kummissjoni talbet lil xi whud mill-applikanti għall-approvazzjoni tal-proċessi ħalli jissottomettu aktar informazzjoni dwar is-sigurtà tal-proċessi tagħhom għat-trattament u r-rimi ta' materjal ta' Kategorija 1. Dik l-informazzjoni trid tingħadda lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għall-evalwazzjoni malli jasal il-waqt.

(7) Sakemm issir dik l-evalwazzjoni, u b'konsiderazzjoni ta' l-opinjonijiet kurrenti ta' l-SSC li x-xaħam ta' dam m'huwiex perikoluż f'dak li għandu x'jaqsam mat-TSE, speċjalment jekk ikun imsajjar bil-pressjoni u msoffi sabiex jitneħħew l-impuritajiet li ma jinħallux, huwa xieraq li jkun approvat wieħed mill-proċessi, li jipproċessa x-xaħam ta' l-annimali f'bijodiżil, ukoll għat-trattament u r-rimi, taħt kondizzjonijiet stretti, tal-biċċa l-kbira tal-materjal ta' Kategorija 1, għajr l-aktar riskjuż. F'dak il-każ, għandu jkun ċar li t-trattament u r-rimi jistgħu jinkludu l-irkuprar ta' bijoenerġija.

(8) L-approvazzjoni u l-operat ta' tali mezzi alternattivi għandu jkun mingħajr preġudizzju għal legislazzjoni applikabbli oħra ta' l-UE, b'mod partikolari l-leġislazzjoni ambjentali, u għalhekk il-kondizzjonijiet ta' l-operat stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom, fejn japplika, jiġu implimentati skond l-Artikolu 6 paragrafu 4 tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart [2].

(9) Għall-proċessi approvati għat-trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali ta' Kategorija 1, u bħala miżura ta' sorveljanza komplementari għall-monitoraġġ regolari tal-parametri ta' l-ipproċessar, l-effikaċja tal-proċess, flimkien mas-sigurtà tiegħu rigward is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, għandha tintwera lill-awtoritajiet kompetenti billi tiġi ttestjata f'impjant sperimentali matul l-ewwel sentejn wara l-implimentazzjoni tal-proċess f'kull stat Membru konċernat.

(10) Huwa xieraq li l-Anness VI, il-Kapitoli II u III tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jiġu emendati bħala konsegwenza ta' l-approvazzjoni tat-trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali ta' Kategorija 1.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 668/2004 (ĠU L 112, 19.4.2004, p. 1)

[2] ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-trattament u r-rimi ta' materjal ta' Kategorija 1

1. Il-proċessi ta' idrolosi alkalina kif imfissra fl-Anness I u idrolisi bil-bijogass bi pressjoni għolja kif imfissra fl-Anness III huma approvati u jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti għat-trattament u r-rimi ta' materjal ta' Kategorija 1.

2. Il-proċess ta' produzzjoni tal-bijodiżil kif imfisser fl-Anness IV huwa approvat u jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti għat-trattament u r-rimi ta' materjal ta' Kategorija 1, ħlief għall-materjal imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

Madankollu, il-materjal li ġej mill-annimali msemmi fl-Artiklu 4(1)(a)(ii) jista' jintuża għal dan il-proċess sakemm:

a) l-annimali kellhom anqas minn 24 xahar meta nqatlu, jew

b) l-annimali kienu suġġetti għal testijiet fil-laboratorju għall-preżenza ta' TSE skond ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 [1] u r-riżultat tat-testijiet kien negattiv.

L-awtorità kompetenti tista' wkoll tawtorizza dan il-proċess għat-trattament u r-rimi ta' kwalunkwe xaħam proċessat ta' l-annimali ta' Kategorija 1.

Artikolu 2

It-trattament u l-użu jew ir-rimi ta' materjal ta' Kategoriji 2 jew 3

Il-proċessi ta' idrolosi alkalina, idrolosi bi pressjoni għolja u b'temperatura għolja, idrolosi bil-bijogass bi pressjoni għolja, produzzjoni tal-bijodiżil u gassifikazzjoni tip "Brookes" kif imfissra fl-Annessi I u V rispettivament huma approvati u jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti għat-trattament u l-użu jew ir-rimi ta' materjal ta' Kategoriji 2 jew 3.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-proċessi mfissra fl-Annessi I u V

L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-impjanti li jużaw xi wieħed mill-proċessi mfissra fl-Annessi I u V malli tawtorizza l-proċess, jekk l-impjant hu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet u l-parametri tekniċi fl-Anness in kwistjoni, u mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, ħlief għall-ispeċifikazzjonijiet u l-parametri tekniċi stabbiliti f'dak ir-Regolament għal proċessi oħra. Għal dan il-għan, il-persuna responsabbli mill-impjant għandha turi lill-awtorità kompetenti li l-ispeċifikazzjonijiet u l-parametri tekniċi kollha stabbiliti fl-Anness in kwistjoni huma ssodisfati.

Artikolu 4

L-immarkar u r-rimi jew l-użu aktar 'il quddiem tal-materjali li jirriżultaw

1. Il-materjali li jirriżultaw għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti, fejn huwa teknikament possibbli permezz ta' riħa skond l-Anness VI, Kapitolu I, punt 8 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

Madankollu, fil-każ fejn il-prodotti sekondarji li jkunu qed jiġu pproċessati huma esklussivament materjali ta' Kategorija 3, u fejn il-materjali li jirriżultaw m'humiex intenzjonati għar-rimi bħala skart, tali mmarkar mhuwiex meħtieġ.

2. Materjali li jirriżultaw mit-trattament ta' materjal ta' Kategorija 1 għandhom jintremew bħala skart permezz ta':

a) inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart [2];

b) rdim f'*landfill* approvata taħt id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'*landfill* [2]; jew

c) tkomplija tat-trasformazzjoni f'impjant tal-bijogass u rimi tar-residwi tad-dekompożizzjoni kif stipulat fil-punti (a) jew (b).

3. Materjali li jirriżultaw mit-trattament ta' materjali ta' Kategorija 2 jew 3 għandhom:

a) jintremew bħala skart kif stipulat fil-paragrafu 2;

b) jitkomplew jiġu pproċessati f'derivattivi tax-xaħam għall-użi msemmija fl-Artikolu 5(2)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, mingħajr ma jintużaw qabel il-metodi ta' proċessar 1 sa 5; jew

c) jintużaw, jiġu trasformati jew jintremew direttament kif stipulat fl-Artikolu 5(2)(c)(i), (ii) u (iii) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, mingħajr ma jintuża qabel il-metodu ta' proċessar 1.

4. Kull skart li jirriżulta, bħal ħama, kontenut tal-filters, irmied u residwi tad-dekompożizzjoni, derivati mill-proċess ta' produzzjoni, għandu jintrema kif stipulat fil-paragrafu 2, punti (a) jew (b).

[1] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

[2] ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

Artikolu 5

Sorveljanza addizzjonali fuq implimentazzjonali inizjali

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-ewwel sentejn ta' implimentazzjoni tal-proċessi li ġejjin f'kull stat Membru, għat-trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002:

a) idrolisi alkalina kif imfissra fl-Anness I;

b) idrolisi bil-bijogass bi pressjoni għolja kif imfissra fl-Anness III; u

c) produzzjoni tal-bijodiżil kif imfissra fl-Anness IV

2. L-operatur jew fornitur tal-proċess għandu jindika impjant sperimentali f'kull stat Membru fejn, għallanqas darba kull sena, għandhom isiru testijiiet biex jikkonfermaw mill-ġdid l-effikaċja tal-proċess f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:

a) testijiet xierqa huma applikati fl-impjant sperimentali għall-materjali derivati mill-istadji tat-trattament, bħar-residwi likwidi u solidi, u kwalunkwe gass iġġenerat matul il-proċess; u

b) il-kontroll uffiċjali ta' l-impjant sperimentali jinkludi spezzjoni kull xahar ta' l-impjant u verifika tal-parametri ta' l-ipproċessar u tal-kondizzjonijiet applikati.

Fi tmiem kull waħda mis-sentejn l-awtorità kompetenti għandha tirraporta lill-Kummissjoni r-riżultati tas-sorveljanza, u kwalunkwe diffikultajiet prattiċi operattivi li nqalgħu.

Artikolu 6

Emenda ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002

Il-Kapitoli II u III ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. Fil-Kapitolu II, punt B, fi tmiem tan-numru 4, tiġi miżjuda s-sentenza li ġejja:

"Madankollu, materjali li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 1 jistgħu jiġu ttrasformati f'impjant tal-bijogass, sakemm l-ipproċessar ikun sar skond metodu alternattiv approvat b'konformità ma' l-Artikolu 4(2)(e) u, ħlief kif speċifikat mod ieħor, il-produzzjoni tal-bijogass tkun parti minn dak il-metodu alternattiv u l-materjal li jirriżulta jintrema b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-metodu alternattiv."

2. Fi tmiem il-Kapitolu III, tiġi miżjuda s-sentenza li ġejja:

"Madankollu, proċessi oħrajn jistgħu jintużaw għal aktar ipproċessar ta' xaħmijiet ta' l-annimali li ġejjin minn materjal ta' Kategorija I, sakemm dawn il-proċessi huma approvati bħala metodi alternattivi b'mod konformi ma' l-Artikolu 4(2)(e)."

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikabilità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hu għandu japplika mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar id-19 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

PROĊESS TA' IDROLISI ALKALINA

1. Idrolisi alkalina tfisser trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   a) Jew soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju (NaOH) inkella ta' idrossidu tal-potassju (KOH) (jew kombinazzjoni tagħhom) tintuża f'ammont li jiżgura ekwivalenza molari approssimattiva għall-piż, tip u kompożizzjoni tal-prodotti sekondarji ta' l-annimal li se jiġu trattati kimikament.

      Fil-każ ta' ħafna xaħam fil-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jinnewtralizza l-bażi, il-bażi miżjuda tiġi aġġustata għall-kontenut kurrenti ta' xaħam fil-materjal.

   b) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali u t-taħlita alkalina jissaħħnu sa temperatura tal-qalba ta' mill-inqas 150 °C u pressjoni (assoluta) ta' mill-inqas 4 bars għal almenu

      i) tliet sigħat bla interruzzjoni;

      ii) sitt sigħat bla interruzzjoni fil-każ ta' trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 4(1)(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Madankollu, materjal derivat minn annimali msemmija fl-Artikolu 4(1)(a)(ii) jista' jiġi pproċessat b'mod konformi mal-punt 1(b)(i) sakemm

         — l-annimali kellhom anqas minn 24 xahar meta nqatlu, jew

         — l-annimali kienu suġġetti għal testijiet fil-laboratorju għall-preżenza ta' TSE skond ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 u r-riżultat tat-testijiet kien negattiv; jew

      iii) sieħa bla interruzzjoni f'każ ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali li jikkonsistu esklussivament f'materjali ta' ħut u tjur.

   c) Il-proċess isir bil-qabda u l-materjal fir-reċipjent jitħawwad kontinwament; u

   d) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali huma trattati b'tali manjiera li r-rekwiżiti ta' ħin-temperatura-pressjoni jinkisbu fl-istess waqt.

2. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jitpoġġew f'kontenitur ta' liga ta' l-azzar. L-ammont imkejjel ta' alkali jiġi miżjud jew f'għamla solida inkella bħala soluzzjoni kif imsemmi fil-punt 1(a). Ir-reċipjent jingħalaq u l-kontenut jissaħħan skond il-punt 1(b). L-enerġija fiżika ġġenerata permezz ta' azzjoni kostanti ta' ppumpjar tiċċirkola b'mod kontinwu l-materjal likwidu preżenti fir-reċipjent biex b'hekk tgħin fil-proċess ta' trattament sakemm it-tessuti jinħallu u l-għadam u s-snin jitrattbu.

3. Wara t-trattament imfisser hawn fuq, il-materjali li jirriżultaw jistgħu jiġu ttrasformati f'impjant tal-bijogass sakemm

   a) It-trasformazzjoni f'impjant tal-bijogass ta' materjal imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 u l-prodotti dervati minnu sseħħ fl-istess sit u f'sistema magħluqa bħall-proċess imfisser taħt il-punti 1 u 2 hawn fuq;

   b) Sistema xierqa ta' tindif tal-gass hija stabbilita sabiex teskludi l-kontaminazzjoni tal-bijogass b'residwi tal-proteini;

   c) Il-bijogass jinħaraq malajr f'temperatura minima ta' 900 °C, segwit minn tkessiħ malajr ("quenching").

ANNESS II

PROĊESS TA' IDROLISI BI PRESSJONI GĦOLJA U B'TEMPERATURA GĦOLJA

1. Idrolisi bi pressjoni għolja u b'temperatura għolja tfisser trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   a) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jissaħħnu sa temperatura tal-qalba ta' mill-inqas 180 °C għal mill-inqas 40 minuta bla interruzzjoni taħt pressjoni (assoluta) ta' mill-inqas 12 bar, imsaħħna permezz ta' applikazzjoni indiretta ta' fwar fuq ir-reattur bijolitiku;

   b) Il-proċess isir bil-qabda u l-materjal fir-reċipjent jitħawwad kontinwament; u

   c) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali huma trattati b'tali manjiera li r-rekwżiti ta' ħin-temperatura-pressjoni jinkisbu fl-istess waqt.

2. Il-bażi tat-teknoloġija hija reattur tal-fwar ta' pressjoni għolja u temperatura għolja. F'dawn il-pressjonijiet u temperaturi elevati iseħħu l-fenomeni ta' l-idrolisi li tkisser il-molekuli f'katina twila tal-materjal organiku fi bċejjeċ iżgħar.

   Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali, inklużi karkassi ta' annimali sħaħ jitpoġġew ġo kontenitur ("reattur bijolitiku"). Ir-reċipjent jingħalaq u l-kontenut jissaħħan b'mod konformi mal-punt 1(a). Fiċ-ċiklu tad-deidratazzjoni l-ilma tal-fwar jiġi kkondensat u jista' jintuża għal għanijiet oħrajn jew jintrema. Kull ċiklu għal reattur wieħed jieħu madwar 4 siegħat.

ANNESS III

PROĊESS TA' IDROLISI BIL-BIJOGASS BI PRESSJONI GĦOLJA

1. Idrolisi bil-bijogass bi pressjoni għolja tfisser trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   a) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali l-ewwel jiġu pproċessati permezz tal-metodu 1 ta' l-ipproċessar f'impjant ta' l-ipproċessar approvat b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

   b) Wara l-proċess ta' hawn fuq, il-materjali bix-xaħam imneħħi minnhom jiġu trattati f'temperatura ta' mill-inqas 220 °C għal mill-inqas 20 minuta taħt pressjoni (assoluta) ta' mill-inqas 25 bar, imsaħħna bi proċedura f'żewġ stadji l-ewwel permezz ta' injezzjoni diretta tal-fwar u t-tieni b'mod indirett permezz ta' *exchanger* tas-sħana koassjali;

   c) Il-proċess isir bil-qabda jew b'sistema kontinwa u l-materjal jiġi mħawwad il-ħin kollu;

   d) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali huma trattati b'tali manjiera li r-rekwżiti ta' ħin-temperatura-pressjoni jinkisbu fl-istess waqt; u

   e) Il-materjal li jirriżulta mbagħad jitħallat ma' l-ilma u jiġi ffermentat anerobikament (trasformazzjoni tal-bijogass) f'reattur tal-bijogass.

2. Fil-każ ta' trattament ta'prodotti sekondarji ta' l-annimali ta' Kategorija 1,

   a) Il-proċess kollu jsir fl-istess sit u f'sistema magħluqa;

   b) Il-bijogass prodott matul il-proċess jinħaraq malajr fl-istess impjant f'minimu ta' 900 °C segwit minn tkessiħ malajr ("quenching"), u tkun stabbilita sistema ta' tindif tal-gass xierqa biex teskludi l-kontaminazzjoni b'residwi ta' proteini tal-bijogass jew tal-gassijiet derivati mill-ħruq tiegħu;

3. Il-proċess hu ddisinjat biex jipproċessa materjal li joħroġ minn impjant li jaħdem b'mod konvenzjonali li juża l-metodu 1 ta' proċessar. Dan il-materjal huwa trattat b'mod konformi mal-punt (1)(b), u sussegwentement imħallat ma' l-ilma u sottomess għall-fermentazzjoni tal-bijogass.

ANNESS IV

PROĊESS TA' PRODUZZJONI TAL-BIJODIŻIL

1. Il-produzzjoni tal-bijodiżil tfisser it-trattament tal-frazzjon ta' xaħam ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali (xaħam ta' l-annimali) taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   a) Il-frazzjon ta' xaħam ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali jiġi l-ewwel ipproċessat bl-użu ta':

      i) metodu 1 ta' proċessar kif imsemmi fl-Anness V, Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fil-każ ta' materjali ta' Kategorija 1 u 2; u

      ii) kwalunkwe metodu ta' proċessar minn 1 sa 5 jew 7 jew, fil-każ ta' materjal derivat minn ħut, metodu 6 kif imsemmi fl-Anness V, Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fil-każ ta' materjali ta' Kategorija 3;

   b) Ix-xaħam ipproċessat huwa sseparat mill-proteini u l-impuritajiet li ma jinħallux jitneħħew sa livell li ma jaqbżux 0,15 % f'dak li hu piż, u li sussegwentement jiġu sottomessi għall-esterfikazzjoni u t-transesterfikazzjoni. Madankollu, l-esterfikazzjoni ma tinħtieġx għal xaħam ipproċessat ta' Kategorija 3. Għall-esterfikazzjoni il-pH jitnaqqas għal inqas minn 1 billi jinżied l-aċidu sulfuriku (H_2SO_4; 1,2–2 molari) jew aċidu ekwivalenti u t-taħlita tissaħħan sa 72 °C għal sagħtejn li matulhom tiġi mħawda intensament. It-transesterfikazzjoni għandha ssir billi l-pH jittella' għal madwar 14 bi 15 % idrossidu tal-potassju (KOH; 1 - 3 molari) jew b'bażi ekwivalenti f'35 °C sa 50 °C għal mill-inqas 15 sa 30 minuta. It-transesterfikazzjoni għandha ssir darbtejn taħt il-kondizzjonijiet imfissra hawn fuq bl-użu ta' soluzzjoni bażi ġdida. Dan il-proċess huwa segwit minn raffinar tal-prodotti li jinkludi distillazzjoni bil-vakwu f'150 °C, li jwassal għall-bijodiżil;

   c) Fil-każ ta' bijodiżil li jirriżulta minn trattament ta' materjal ta' Kategorija 1 għandha tkun stabbilita sistema xierqa ta' tindif tal-gass biex teskludi l-emissjoni ta' residwi possibbli mhux maħruqa ta' proteini meta jinħaraq il-bijodiżil.

2. Ix-xaħam ta' l-annimali huwa pproċessat għall-produzzjoni ta' bijodiżil li jikkonsisti f'esters tal-metil ta' aċidi grassi. Dan jinkiseb billi x-xaħam jiġi sottomess għall-esterfikazzjoni u/jew it-transesterfikazzjoni. Raffinar sussegwenti tal-prodotti li jikludi d-distillazzjoni bil-vakwu jwassal għall-bijodiżil, li jintuża bħala fjuwil għall-kombustjoni.

ANNESS V

PROĊESS TA' GASSIFIKAZZJONI "BROOKES"

1. Il-proċess ta' gassifikazzjoni "Brookes" ifisser trattament ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   a) Il-kamra tal-postkombustjoni tissaħħan permezz ta' l-użu ta' gass naturali.

   b) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jitgħabbew fil-kamra primarja tal-gassifikatur u l-bieb jingħalaq. Il-kamra primarja ma jkollhiex berners u tissaħħan minflok permezz tat-trasferiment tas-sħana bil-konduzzjoni mill-postkombustjoni, li tkun taħt il-kamra primarja. L-unika arja li titħalla tidħol fil-kamra primarja hi permezz ta' tliet valvs li jagħtu 'l ġewwa mmontati mal-bieb ewlieni sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċess.

   c) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali huma volatilizzati f'idrokarboni kumplessi u l-gassijiet li jirriżultaw jgħaddu mill-kamra primarja permezz ta' fetħa dejqa fuq in-naħa ta' fuq tal-ħajt ta' wara għaż-żoni tat-taħlit u t-tisħin bil-pressjoni (*cracking*), fejn jinqasmu fl-elementi li jikkostitwixxuhom. Fl-aħħarnett il-gassijiet jgħaddu fil-kamra tal-postkombustjoni fejn jinħarqu fil-fjamma ta' berner tal-gass naturali fil-preżenza ta' arja eċċessiva.

   d) Kull unit tal-proċess ikollu żewġ burners u żewġ fannijiet ta' l-arja sekondarji bħala riserva f'każ ta' ħsara f'xi berner jew fann. Il-kamra sekondarja tkun iddisinjata sabiex tagħti ħin ta' residenza minimu ta' żewġ sekondi f'temperatura ta' mill-inqas 950 °C taħt il-kondizzjonijiet kollha tal-ħruq.

   e) Malli jħallu l-kamra sekondarja l-gassijiet eżawriti jgħaddu minn *damper* barometriku fil-bażi taċ-ċumnija, li jberridhom u jiddilwihom ma' l-arja tal-madwar, waqt li jżomm pressjoni kostanti fil-kmamar primarji u sekondarji.

   f) Il-proċess isir tul ċiklu ta' 24 siegħa, li jikludi t-tgħabbija, l-ipproċesar, it-tkessiħ u t-tneħħija ta' l-irmied. Fl-aħħar taċ-ċiklu r-residwu ta' l-irmied jitneħħa mill-kamra primarja permezz ta' sistema ta' estrazzjoni bil-vakwu għal żo boroż magħluqin, li mbagħad jiġu ssiġillati qabel ma jinġarru 'l barra mis-sit ħalli jintremew.

2. Il-proċess jutilizza kombustjoni b'temperatura għolja f'ossiġnu eċċessiv li jossida l-materjal organiku f'CO_2, NO_2 u H_2O. Proċess bil-qabda huwa użat ma' ħin ta' residenza mtawwal għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali ta' madwar 24 siegħa. Is-sors tas-sħana huwa kamra sekondarja msaħħna b'gass naturali, li jkun jinsab taħt il-kamra primarja (li fiha jitpoġġa t-tessut li jrid jiġi pproċessat). Il-gassijiet prodotti bħala riżultat tal-proċess tal-ħruq jidħlu fil-kamra sekondarja fejn ikomplu jiġu ossidati. In-nixxiegħa tal-gass ikollha ħin ta' residenza minimu ta' żewġ sekondi f'temperatura rakkomandata ta' 950 grad ċentigrad. Sussegwentement il-gassijiet jgħaddu minn "damper barometriku" fejn jitħalltu ma' l-arja tal-madwar.

3. Il-gassifikazzjoni ta' materjali oħra li mhumiex prodotti sekondarji ta' l-annimali mhix permessa